**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Diċembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 449/2015 AF**

**Dhalia Real Estate Services Limited (C-22346)**

**vs**

**Gordon Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat Gordon Attard kien impjegat mis-socjetà rikorrenti bhala Manager ai termini tal-kunidzzjonijiet esposti fil-kuntratt ta' mpieg tieghu hawn anness u mmarkat Dok. A.

Fir-rwol tieghu mas-socjetà rikorrenti, l-intimat kellu d-dmir li jagixxi esklussivament fl-interess tas-socjetà rikorrenti, jipprotegi l-interessi kollha taghha, inkluz dawk kummercjali, u jzomm l-informazzjoni kunfidenzjali ghalih u ghall-gid u l-bzonn biss u esklussiv tas-socjetà rikorrenti, in kwantu kien ukoll qed jokkupa posizzjoni ta' fudicja fi hdan is-sojcetà esponenti u kien fuq kollox qed jithallas ghalhekk.

Wara li s-socjetà rikorrenti u l-intimat kienu akkordaw li l-istess intimat jiehu f'idejh it-tmexxija tal-fergha ta' H'Attard tas-socjetà rikorrenti u dan wara gimghat shah ta' thejjija u preparazzjoni, u filwaqt li l-istess intimat kien qieghed jattendi u jippartecipa f'management meetings sensittivi li fihom is-socjetà rikorrenti thejji l-istrategiji kummercjali taghha, l-intimat ghal gharrieda u bla mistenni avza li ttermina l-ingagg tieghu minhabba li, kif negozju, cioè kumpannija assocjata mal-franchise Remax.

Wara t-tmiem tal-ingagg tal-intimat, is-socjetà esponenti saret taf illi l-istess intimat kien uza informazzjoni kunfidenzjali u kuntatti illi huwa kellu eskluzivament tramite l-ingagg tieghu mas-socjetà esponenti, sabiex jiftah negozju tieghu personali bi shab mas-socjetà imisehba mal-grupp Remax u dan mhux fil-kuntest ta' kummerc hieles, izda ghad-detriment u a skapitu tas-socjetà esponenti, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

Come di fatti – fil-kors tal-ingagg tieghu mas-socjetà esponenti, u sabiex jipprepara ghal bidu tan-negozju tieghu personali mas-socjetà imsiehba fil-grupp Remax l-esponent kien proprju qieghed juza informazzjoni sensittiva tas-socjetà rikorrenti u fl-istess waqt jinnegozja hu personalment, addirittura fil-hin tax-xoghol u bil-mezzi pprovduti lilu mill-istess socjetà rikorrenti, sabiex jinnegozja t-trasferiment tieghu ghal socjetà msiehba fil-grupp Remax minn mas-socjetà rikorrenti.

Fost l-agir skorrett u qarrieqi tal-intimat, huwa bieghed lill-klijenti tas-socjetà rikorrenti biex iressaqhom lejn is-socjetà imsiehba mar-Remax u dan bil-ghan illi jiffinalizza l-istess negozju tieghu mal-istess socju/principal tieghu, kollox kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-odjerna kawza.

Dan l-agir abbuziv u illecitu da parti tal-intimat issarraf fi ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu kif naxxenti kemm mill-ligi u kif ukoll mill-kuntratt ta' ingagg tieghu mas-socjetà rikorrenti.

B'konsegwenza tal-agir skorrett, illecitu u illegali da parti tal-intimat, u bi ksur tal-kuntratt ta' ingagg tal-intimat, is-socjetà rikorrenti soffriet danni konsiderevoli fin-negozju taghha, konsistenti fost ohrajn fit-telf ta' bejgh ta' proprjetà u konsegwentement l-eventwali telf ta' qliegh.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat, bl-agir tieghu, kiser l-obbligi minnu assunti ai termini tal-kuntratt ta' ingagg ta' bejn il-partijiet kif ukoll li agixxa b'mod skorrett, zleali, qarrieqi u illecitu fir-rwol manigerjali tieghu mas-socjetà rikorrenti, konsegwenza ta' liema agir l-intimat kkawza dannu lis-socjetà rikorrenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-agir tal-intimat u tal-ksur tal-obbligi kuntrattwali tieghu.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-agir tal-intimat, occorrendo, jekk ikun necessarju, bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjetà rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni kif mitlub.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment, u bl-imghax legali skond il-ligi sal-pagament effettiv kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-rizerva ghal kull azzjoni li tista' tispetta lis-socjetà rikorrenti.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Gordon Attard li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-intimat beda jahdem mas-socjetà rikorrenti fis-sena elfejn u tlieta (2003) bhala '*Property Consultant*'.

F'zewg okkazzjonijiet, darba fis-sena elfejn u hdax (2011) u darba fis-sena elfejn u tlettax (2013), huwa kien diga ttermina kull relazzjoni mal-istess socjetà, u darbtejn rega rritorna maghhom wara nsistenza tal-'*Management*' stess, u dan ghalhekk juri bic-car li kienu sodisfatti bix-xoghol tal-istess intimat.

F'April tas-sena elfejn u hmistax (2015), huwa ddecieda li jittermina b'mod definittiv kull relazzjoni li huwa kellu mas-socjetà rikorrenti, u sussegwentament ghal dan, informa lis-Sur Alan Grima u lis-Sur Christopher Grech bid-decizjoni tieghu. Illi fil-wiehed u ghoxrin ta' April u cioè meta huwa kien digà nforma lid-dirigenti bid-decizjoni tieghu huwa rcieva sms minghand Christopher Grech fejn huwa intalab jerga jikkunsidra d-decizjoni tieghu u anka offrilu 'partnership'. Dakinhar stess huwa informa lid-dirigenza li huwa kien digà accetta offerta ohra u ghalhekk ma kienx ser imur lura fuq id-decizjoni tieghu. Illu huwa pproceda biex jaghti hand over ta' kull bicca xoghol li kellu pendenti mas-socjetà rikorrenti u minn dak iz-zmien ma sema xejn aktar minn ghadhom jekk mhux biex jigu ccarati certi affarijiet li kellhom x'jaqsmu mal-operat tan-negozju li kien jigestixxi fiz-zmien li fih huwa kien jopera ghan-nom tas-socjetà rikorrenti.

Ftit aktar minn gimaghtejn wara li huwa kkomunika d-decizjoni tieghu, u meta anqas kien ghadu beda impieg iehor, huwa sar jaf li s-socjetà rikorrenti kienet intavolat mandat ta' sekwestru kontrih, u dan kompletament b'sorpriza ghal-intimat.

L-allegazzjonijiet intavolati fir-rikors promotur huma ghal kollox infondati u mhux gustifikati tant illi l-intimat qieghed jirrespingi bil-qawwa kollha, l-kontenut ta' dan l-istess rikors, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Fl-ewwel lok, huwa sorpriz li jsir jaf li huwa kien impjegat tas-socjetà rikorrenti, u dan peress illi huwa qatt ma rcieva paga minghandhom, jew hlas ta' *overtime*, u wisq anqas kellu beneficcji li huma dritt baziku u sagrusant ta' kull impjegat, u

kien jithallas biss '*commissions*' fuq propjetajiet illi huwa kien ikun irnexxielu jbiegh.

Kif digà spjegat, huwa nforma lis-Sur Alan Grima u lis-Sur Christopher Grech, diretturi tas-socjetà rikorrenti, bid-decizjoni tieghu, tant illi fil-messaggi li ntbaghtu dakinhar stess, kopja ta liem qedghin jigu hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. GA 1', huma ppruvaw jikkonvincu lill-intimat sabiex ma jagghilx bid-decizjoni tieghu u biex jikkunsidra jibqa jahdem bi shab maghhom.

Sussegwentament ghal dan, huwa rritorna c-cwievet li kellu lis-socjetà u dan sabiex ikun jista jahseb u jiehu decizjoni fuq il-futur tieghu, fil-libertà kollha u minghajr influwenza estera.

Ghall-kuntrarju ta' dak miktub fir-rikors promotur, l-intimat ried jassigura li ssir transizzjoni tajba, u dan kif inhu kkoraborat wkoll mil-istess document anness 'GA 1', u f'zewg okkazzjonijiet wara li ttermina l-kuntratt tieghu, ghen impjegati tas-socjetà rikorrenti f'xogholhom u anke kien prezenti ghal-'*second viewing*' u dan minghajr ebda interess ta' xejn.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-intimat telaq minm mas-socjetà rikorrenti sabiex jiftah kumpanija ohra, huwa jikkonferma li sal-gurnata tal-llum huwa ma fetah l-ebda negozju gdid u jokkupa l-kariga ta' '*Property Consultant*' ma' socjetà kompetitrici tas-socjetà rikorrenti, u cioè, mal-grupp Remax.  Illi kif inhu ben maghruf ir-rikorrent, illi huwa u ilu *property consultant* ghall-ammont konsiderevoli ta' snin, ghandu kull dritt illi jkompli jahdem f'dan il-kamp u dan minghajr restrizzjonijiet li jxekklu l-kompetizzjoni hielsa fis-suq.

Fir-rigward tal-allegazzjoni li huwa seraq jew bieghed klijenti mis-socjetà rikorrenti, l- intimat jichad din l-allegazzjoni bil-qawwa, u filwaqt li jishaq illi huwa dejjem kellu klijenti tieghu u li min jeddhom baqghu jahdmu mieghu anke meta dahal jahdem mas-socjetà rikorrenti fl-elfejn u tlieta (2003), huwa jikkonferma li meta gie kkuntattjat minn klijent tas-socjetà rikorrenti fuq proprjetà partikolari, huwa indika lill-klijent minnufih li ghandu jkellem lil rapprezentanti ohrajn ta' Dhalia Real Estate Services

Limited, u dan kif jidher mil-messaggi hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok GA 2'.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet l-ohra li qedghin isiru fil-konfront tieghu, fuq informazzjoni sensittiva allegatament uzata mill intimat, fuq kif fil-hin tax-xoghol u bil-mezzi provduti lilu mis-socjetà rikorrenti huwa nnegozja ma' Remax fuq it-trasferiment tax-xoghol tieghu, fuq li qarraq u bieghed klijenti mis-socjetà rikorrenti u li minhabba l-agir tieghu, l-istess socjetà soffriet danni konsiderevoli, l-intimat jirrespingi ghal kollox bhala infondati dawn l-allegazzjonijiet u li qedghin isiru biss sabiex tigi mtappna r-repjutazzjoni tajba tal-intimat kif ukoll sabiex ikunu vendikativi fil-konfront tieghu.

Ghandu jirrizulta li l-prezenti proceduri huma biss intizi biex malizzjozament jivvessaw lill-intimat u b'hekk jittentaw ixekklu l-kompetizzjoni hielsa fis-suq wara li l-intimat ghazel li ma jibqax aktar impjegat mas-socjetà rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjetà rikorrenti ghad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess socjetà rikorrenti ma ghandhiex jedd ghal danni u, fi kwalunkwe kaz, ma sofriet ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro talba ta' Gordon Attard li permezz tagħha wara li ġie premess:

Meta l-esponent kkomunika d-decizjoni tieghu li ma jibqghax jadhem f'isem is-socjetà rikorrenti rikovenzjonata, kien hemm hdax-il proprjetà taht konvenju, u dan grazzi ghax-xoghol u s-sengha tal-istess rikonvenzjonant u kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. GA 8" sa "Dok. GA 18". Illi min dak iz-zmien l'hawn, dawn il-konvenji ghalqu u l-proprjetajiet ikkoncernati gew mibjughha u ghaldaqstant, skond kif inhu l-ftehim tar-rikonvenzjonant mas-socjetà attrici, huwa ghandu jithallas is-sehem tieghu, liema sehem sal-gurnata ta' llum iggib total ta' madwar sbatax il-elf Ewro (€17,000), liema ammont qed jizdied kull darba li tinbiegh proprjetà ohra minn

dawn. Madanakollu huwa baqa' ma rcieva l-ebda hlas li huwa kuntrattwalment dovut lilu u ghalhekk.

Sussidjarjament huwa sar jaf, proprju permezz tal-kawza intavolata mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, huwa kien meqjus bhala impjegat, u madanakollu huwa qatt ma rcieva hlas mensili bhala paga, *overtime*, *bonuses* u drittijiet ohra bazici tal-impjegat u dan kif stabbilit fil- L. N. 22 tal-1978, u ghalhekk qed jitlob li jithallas l-arretrati dovuti lilu ghal dawn l-ammonti kollha li qatt ma gew imhallsa lilu.

Barra minn hekk huwa soffra wkoll danni konsiderevoli u dan bhala konsegwenza tal-fatt li ftit gimghat wara li ttermina r-relazzjoni kuntrattwali tieghu, gie intavolat mandat ta' sekwestru fil-konfront tieghu, liema mandat igib in-numru 761/15, permezz ta' liema mandat, gew frizati l-assi tieghu f'banek lokali, liema mandat sar biss bhala mizura vessatorja ulterjuri. Illi bhala konsegwenza ta' dan il-mandat, f'dawn l-istess gimghat l-esponent gie rrifjutata '*home loan*' li kien ser jiehu, u dan kif jidher mil-kopja tal-ittri tal-banek hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. GA 3" sa "Dok. GA 5". Illi dan il-mandat gie intavolat a bazi ta' allegazzjonijiet illi l-esponent kellu jhallas danni lis-socjetà attrici rikonvenzjonata u dan bhala konsegwenza ta' attegjament zlejali u mhux korrett tieghu fil-kapacita tieghu ta' intimat. Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-kuntratt ta' impieg, kopja ta' liema gie pprezentat mis-socjetà attrici rikonvenzjonata stess fejn d-danni li qatt jistghu ikunu dovuti gew prelikwidati fl-ammont ta' tnax il-elf Euro (€12,000) u ghalhekk, anki f'kaz illi l-allegazzjoni maghmula minnha jigu ppruvati, huwa qatt ma jista jigi kkundannat jhallas aktar minn hekk. Illi rrizulta bic-car li s-socjetà attrici rikonvenzjonata kellha garanzija cara li jkollhom pussess ta' ammonti ferm akbar minn dan l-ammont rapprezentanti *commissions* dovuti lill-esponent li fil-fatt sal-gurnata ta' llum qatt ma thallsu u ghalhekk inzammu mis-socjetà attrci rikonvenzjonata, kontra kull raguni dettata mill-fatt u mid-dritt, u dan flimkien ma' pagi u arretrati ohra dovuti lill-esponent, u ghalhekk hija kellha kull garanzija ta' hlas u qatt ma kellha raguni jew dritt li tipprezenta l-istess mandate ta' sekwestru, jekk mhux biex tivvessa u tikkawza danni lill-esponent.

Minhabba dan il-mandat ta' sekwestru huwa kellu jcedi d-drittijiet tieghu u ta' martu Janet Attard, fil-konvenju ffirmat fil-hmistax ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (15/11/2013), u dan peress li l-bejjiegh ma ried bl-ebda mod jestendi l-effetti tal-istess konvenju, u ghalhekk huwa ceda kull dritt li huwa kellu fil-proprjetà numru tnejn (2) fil-blokk tmienja u erbghin (48) gewwa Triq San Gorg, San Giljan, liema proprjetà huwa kien wieghed li jixtri bil-hsieb ta' investiment u sa biex dan jerga jinbiegh lil terzi. Bhala konsegwenza diretta tal-mandat ta' sekwestru su citat huwa soffra danni peress li sabiex huwa u martu ma jitilfux id-depozitu sostanzjali li thallas minnhom, ma kellhom l-ebda ghazla ghajr li jcedu l-istess drittijiet taghhom lil terzi u dan kif jidher mil-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala "Dok GA 6". Fil-fatt dawn l-istess terzi sussegwentament regghu bieghu din il-proprjetà bi profitt ta' erbgha u tmenin elf u hames mitt Ewro (€84,500), u dan kif jidher mil-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala "Dok GA 7". Illi l-esponent iqis illi dan il-profitt intiflef bhala kagun uniku tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontrih mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, u ghalhekk qed jitlob li jithallas id-danni tal-istess telf ta' profitt.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-allegazzjonijiet maghmula mis-socjetà rikorrenti fir-rikors promotur huma ghal kollox infondati u minghajr bazi legali, u li allura l-intimat ma huwiex responsabbli ghal xi tip ta' danni sofferti mis-socjetà rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru li jgib in-numru 761/15, gie intavolat b'mod vessatorju u minghajr ebda raguni valida skond il-ligi u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-intimat rikonvenzjonant bhala konsegwenza tal-istess u tordna lis-socjeta attrici rikonvenzjonata thallas l-istess ammont ta' danni hekk likwidat.

2. Tiddikjara li s-socjetà rikorrenti hija kreditrici tal-esponent rikonvenzjonant fl-ammont li ghad irid jigi likwidat, u dan bhala pagi, *overtime* u *bonuses, leave* mhux mehud u ammonti ohra dovuti lil kull impjegat skond il-ligi kif ukoll il-*commissions* kollha dovuti lill-esponent fuq bejgh ta' proprjetajiet li huwa kien responsabbli ghalihom waqt l-

impieg tieghu mas-socjetà attrici rikonvenzjonata u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-proceduri odjerni, u konsegwentement titlob il-hlas tal-istess ammont lill-esponent.

Bl-ispejjez u l-imghax legali, dekorribli min meta l-ammonti kostittutivi hawn referiti saru dovuti sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali fl-intier tieghu kontra s-socjetà rikorrenti, rapprezentant awtorizzat ta' liema huwa, min issa ingunt ghas- subizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà attriċi Dhalia Real Estate Services rikonvenzjonata għat-talbiet rikonvenzjonali ta' Gordon Attard li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari, t-talba hija irrita u nulla stante li l-intimat rikonvenzjonant kellu jipprocedi skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 et sequitur tal-Ligijiet ta' Malta u mhux jittenta l-azzjoni odjerna.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ta' Gordon Attard ghar-rizarciment tad-danni hija frivola u vessatorja stante li l-mandat ta' sekwestru 761/15 ilu xhur shah li nhareg kontra l-intimat rikonvenzjonat u minkejja dan huwa xorta wahda ma rrikorriex ghar-rimedju sancit mill-artikoli 836 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jirrevoka l-mandat jew biex jitlob lill-Qorti timponi multi jew garanzija ghad-danni pretizi. Gordon Attard ma jistax b'ghemilu stess izomm in vigore il-mandat *de quo* u fl-istess waqt jilmenta li qieghed isofri danni u jitlob ir-rizarciment taghhom.

L-istess Gordon Attard ma sofra ebda danni kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija azzjoni b'kontro talba. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' danni kuntrattwali. Da parti tiegħu, il-konvenut rikonvenzjonant qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata għall-ħlas ta' danni konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li l-attriċi intavolat kontrih u kif ukoll sabiex l-attriċi tiġi kundannata tħallsu l-ammonti dovuti lilu kemm bħala impjegat u kif ukoll bħala *commissions* fuq il-bejgħ ta' proprjetajiet sakemm huwa dam jaħdem magħha.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut, li huwa sensar, kien jaħdem mas-soċjetà attriċi. Minkejja li l-attriċi tippremetti li l-konvenut kien impjegat tagħha, dan ma jirriżultax li huwa minnu għaliex il-konvenut kien fil-fatt *self employed* u kien jitħallas biss il-*commissions* li kienu dovuti lilu skont il-ftehim illi kellu mal-attriċi. Il-konvenut beda jaħdem mal-attriċi bħala *property consultant* fl-2003 u fl-1 ta' Jannar 2015 sar manager. Huwa ttermina r-relazzjoni mal-attriċi tlett darbiet b'kollox, b'mod finali fil-21 ta' April 2015 u dan wassal lill-attriċi sabiex tipproċedi bil-kawża tal-lum.

Jidher li kien biss fis-sena 2013 li l-partijiet iffirmaw kuntratt sabiex jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom u ma sar l-ebda kuntratt ġdid meta l-konvenut gie maħtur manager. F'dan il-kuntratt hemm imniżżel li l-konvenut, imsejjaħ '*salesperson*' ser jaħdem bħala sensar għall-attriċi u li huwa kellu jitħallas *commission* fuq kull bejgħ illi jagħmel. Skont il-kuntratt, il-konvenut seta' jaħdem bħala sensar għad-ditta attriċi biss. Ġie stipulat ukoll illi l-konvenut '*shall not disclose confidential information of the Company to third parties relating to its property and business affairs, both during the term of employment and after the termination of employment with Dhalia Group. The Salesperson shall be liable for the payment of €12,000 as per liquidated damages in the event that such information as aforesaid is disclosed. Should the Salesperson divulge confidential information he/she shall forfeit any pending commissions accrued before or after such termination.*'

Minkejja li din il-klawżola tirreferi għal '*employment*', ma jirriżultax li l-konvenut effettivament kien impjegat tal-attriċi imma kien fil-fatt *self employed* b'dan illi kien jippresta s-servizzi

tiegħu lill-attriċi u jitħallas *commission* kif ingħad tant illi kien iħallas it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali hu stess.

Fl-imsemmi kuntratt hemm stipulat ukoll li f'każ illi s-sensar jikxef xi informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpannija, huwa jitlef id-dritt li jitħallas il-*commissions* li jkunu għadhom ma tħallsux lilu sa dak iż-żmien.

L-attriċi tgħid li meta l-konvenut ittermina r-relazzjoni magħha ħesrem u sab ingaġġ ieħor fl-istess linja ta' negozju ma kumpannija kompetitriċi tagħha, huwa kkawżalha danni billi uża informazzjoni kunfidenzjali a detriment tagħha kemm waqt illi kien għadu f'relazzjoni magħha kif ukoll wara. Tgħid ukoll li l-konvenut biegħed lill-klijenti tagħha sabiex iressaqhom mal-kumpannija l-ġdida li kien qiegħed jaħdem magħha. L-attriċi tallega li dan isarraf fi ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-konvenut li kkawżalha telf ta' bejgħ u konsegwentement telf ta' qligħ. L-attriċi intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut għas-somma ta' €35,558.11.

Il-konvenut jiċħad illi huwa uża informazzjoni sensittiva b'mod illi tellef lill-attriċi mill-qligħ jew li huwa biegħed xi klijenti mid-ditta attriċi. Huwa intavola kontro talba fejn qiegħed jitlob dak dovut lilu in linea ta' pagi, *overtime*, *bonuses* u drittijiet oħra bħala impjegat tal-attriċi inkluż *commissions* skont il-ftehim bejn il-partijiet u kif ukoll danni konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ppreżentat l-attriċi kontra tiegħu li huwa jgħid li huwa vessatorju u li sar mingħajr raġuni valida.

In rappreżentanza tal-attriċi xehdu Alan Grima (Kap Eżekuttiv), Christopher Grech (Chairman) u Adrian Grech (Direttur, Segretarju Ġenerali u Kap Finanzjarju). Mix-xhieda tagħhom jirriżulta li essenzjalment huma qegħdin jilmentaw mill-fatt illi l-konvenut telaq ħabta u sabta u għalkemm malajr sabu manager ieħor minfloku sabiex imexxi l-fergħa li kienet taħt ir-responsabbilta tal-konvenut, għall-ewwel tlett xhur wara li telaq il-konvenut il-bejgħ naqas drastikament meta mqabbel mat-tlett xhur preċedenti.

Is-soċjetà attrici tramite r-rappreżentanti tagħha qiegħda tallega wkoll li fit-terminu tal-rwol tiegħu magħha, il-konvenut, *ad*

*insaputa* tas-soċjetà attriċi, beda jipprepara biex jitlaq minn magħha, juża informazzjoni u kuntatti li kellu in virtu tal-istess rwol biex jużahom fin-negozju li kien bi ħsiebu jwaqqaf mal-kompetitriċi tagħha, liema negozjati kienu qed isiru fiż-żmien li kien għadu jaħdem mal-attriċi u b'hekk ikkawża danni lis-soċjetà attriċi naxxenti mill-ksur tal-obbligi assunti *qua* manager tal-istess soċjetà.

Filwaqt illi r-rappreżentanti tal-attriċi jilmentaw ukoll dwar ksur tal-obbligu tal-kunfidenzjalità, u li l-konvenut kien diġà qed jaħseb biex jitlaq u jingħaqad mal-kompetituri tagħhom waqt li kien jattendi għall-*management meetings* tal-attriċi fejn kellu aċċess għall-informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali, huma ma ġabux l-iċken prova sabiex isostnu l-argumenti tagħhom u għalkemm ilmentaw illi l-konvenut lanqas biss ta *handover*, fil-fatt jirriżulta li kienu huma li għamluha ċara lill-konvenut li riedu jaqtgħu kull kuntatt minn miegħu.

Fis-sentenza fl-ismijiet Anthony Caruana and Sons Limited vs Christopher Caruana, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti irreferiet għan-noti tal-Professur Joseph A. Micallef (paġni 121-123) rigward il-kariga ta' *manager* regolata permezz tal-artikoli 57 et seq tal-Kodici tal-Kummerċ fejn intqal hekk:

> *"Manager jinghad li ghandu doveri ta' ghaqal u lealtà lejn il-principal tieghu. Kif jghid il-mibki Professur Joseph A. Micallef fin-noti tieghu dwar il-Kodici ta' Kummerc (pagna 121-123): "The office of manager from the legal point of view embraces both the concept of agency and the contract of trust which arises between the manager and his principal and he must, personally perform the duties which go with this office ... The manager is an agent of the principal. He acts on his behalf and in his name. But he also administers the affairs of the principal and is in charge of the business or a branch of business of the principal in one or more fixed places. He is therefore the mandatory of the principal and the main function of his office is to increase the prosperity of the principal. He is therefore also the lessor of work and industry. These characteristics have been referred to by the Commercial Court, Judge Profs. Parnis presiding, in the case Zammit vs Galea et decided on the 5th March 1907. The*

*manager is therefore in relation to his principal an administrator, namely a mandatory and a lessor of work while in relation to third parties he is the representative that binds the principal and therefore is his agent."*

*Il-manager allura avolja m'ghandux responsabbiltà ta' policy making, huwa fiducjarju tal-principal tieghu u jrid jagixxi dejjem in bona fede u b'lealtà. Kif jghidu l-awturi Hayton et fil-ktieb "The Law of Trusts" (pagna 760) fiducjarju ghandu dejjem "a duty of confidence which is coupled with the duty of loyalty", u fost dawn id-doveri hemm dak ta' kunfidenzjalità, fis-sens, kif jispjegah tajjeb Lord Millet fil-kaz Ingliz Balkiah v. KPMG (1999 1AllER 517):*

*"… the duty to preserve confidentiality is unqualified. It is a duty to keep the information confidential, not merely to take all reasonable steps to do so. Moreover, it is not to misuse it, that is to say, without the consent of the former client to make any use of it or to cause any use to be made of it by others otherwise than for his benefit.""*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul, tat-13 ta' Novembru 2014, din il-Qorti diversament presjeduta ttrattat mertu simili, għalkemm fil-kuntest ta' impjegat, u ċioè d-doveri fiduċjarji u d-dover ta' fedeltà tal-impjegat lejn min iħaddem. Din il-Qorti ser tiċċita brani li fil-fehma tagħha, għalkemm fil-kuntest ta' relazzjoni bejn impjegat u l-prinċipal, isibu applikazzjoni fil-każ tal-lum partikolarment f'xenarju industrijali komuni f'dawn iz-zmien fejn "self employment" jintuza f'cirkostanzi fejn effettivament jezisti impieg:

"*Kif taraha din il-Qorti, il-kwisjtoni legali li trid tigi indirizzata tirrigwarda d-doveri fiducjarji u d-doveri ta' fedelta relattivi ghal kuntratt ta' impjieg bejn il-konvenut u s-socjeta attrici.*

*Jibda biex jinghad illi l-ligi Ingliza taghmel distinzjoni bejn iz-zewg doveri.*

*Il-Qorti tirreferi ghal zewg appelli moghtija wahda mill-Qorti tal-Appell Ingliz fl-ismijiet Jeremy Michael Ranson vs*

*Customer Systems plc deciza fis-27 ta' Gunju 2012 u ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Singapore fl-ismijiet Smile Incorporated Dental Surgeons Pte Ltd vs Lui Andrew Stewart deciza fil-31 ta` Lulju 2012. Il-kawzi huma b'fatti simili ghal kawza sub iudice u fihom saret espozizzjoni erudita u kwazi identika tal-principju regolatur in materja.*

*Fl-appell Ranson il-Qorti tal-Appell Ingliz trattat il-kwistjoni ta' impjegat f'pozizzjoni manigerjali li rrezenja biex jiftah ghal rasu fl-istess sfera tal-impjieg tieghu u fil-perjodu tal-impjieg fetah il-kumpanija tieghu, tkellem ma' kuntatti tad-ditta li kienet timpjegah, ma qal xejn dwar dan lil principal tieghu u fil-fatt wara li ttermina l-impjieg accetta xoghol minghand l-imsemmija kuntatti.*

*Il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

*A "fiduciary" duty should not be confused with a duty of "fidelity". The duty of fidelity may be expressly set out in the contract but if not, it will be implied. All employment contracts contain an implied term that an employee will serve their employer in good faith and with fidelity (duty of fidelity) meaning that during employment, the employee should act in their employer's interests and not use the time for which he is paid by the employer in furthering their own interests. However, it also means that whilst the employee must have regard to their employer's interests, it does not in general amount to a "promise to give his employer the benefit of every opportunity within the scope of its business".*

*A fiduciary duty exists where there is fiduciary relationship, such as between a director and the company of which the director is an officer. Directors are under a fiduciary duty (partially set out in the Companies Act 2006) which requires the director to owe a "single-minded duty of loyalty to the company and act in the company's best interests'*

*Il-Qorti tal-Appell qalet in oltre li l-impjegat hu f'pozizzjoni differenti u ma jassumiex, semplicement qua impjegat, obbligi fiducjarji lejn il-principal. Anki jekk jitqies bhala*

*fiducjarju, mhux kull fiducjarju jassumi l-istess doveri f'kull cirkostanza. Il-fonti ghandu jkun il-kuntratt ta' impjieg. Obbligi fiducjarji jinsorgu fejn obbligazzjonijiet specifici kuntrattwali jpoggu lill-impjegat f`sitwazzjoni fejn il-ligi ghalhekk tramite dawn l-obbligi timponi fuqu doveri addizjonali aktar rigoruzi.*

*Ma dan jizdied illi impjegati ta' certa livell jistghu jkunu suggetti ghal doveri fiducjarji impost mill-kuntratt ta' impjieg però ma jistghux jitpoggew fil-keffa ta' diretturi u d-doveri fiducjarju impost fuqhom. Dover fiducjarju ta` direttur inghad fil-kawza Fishel imsemmija fid-decizjoni kkwotata illi:*

*"the hallmark of a fiduciary is a single-minded duty of loyalty. The duty of loyalty in that context has a precise meaning: ``namely the duty to act in the interests of another". As mentioned, this is not a feature of an employment relationship. In the employment context the duty of loyalty, although given the same label, "is one where each party must have regard to the interests of the other, but not that either must subjugate his interests to those of the other."*

...

*In kwantu ghal obbligu ta' fedelta kif intqal ghalkemm l-impjegat ghandu l-obbligu li jqis l-interess tal-principal dan ma ghandux jiftiehem li l-impjegat ghandu jiddesisti assolutament milli jfittex l-interess tieghu u ghalhekk ghandu dritt li jfittex u jipprepara biex jahdem ghal rasu anki f'kompetizzjoni mal-principal sakemm ma jkunx qed jivjola xi obbligu ta' konfidenzjalita jew obbligu partikolari fil-kuntratt bhal dak ta' 'restraint of trade' u basta ma jkunx qed jikkompeti mal-principal fiz-zmien tal-impjieg tieghu.*

*Fil-prattika jekk jirrizultax li hemm vjolazzjoni ta' dover ta' fedelta jew dover fiducjarju hu kwistjoni ta' fatt u jiddependi mill-fattispecie partikolari ta' kull kaz tenut kont b'mod partikolari ghal kondizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kontrattwali bejn l-impjegat u l-principal.*

*...*

*Din il-kawza titratta dwar doveri ta' impjegat fil-pozizzjoni ta' manager, cioè pozizzjoni ezekuttiva b'doveri, anki jekk mhux esplicitament imsemmija fil-kuntratt ta' impjieg, li jimponu responsabilta aktar oneruza minn dik ta' impjegat semplici fil-konfront tal-principal li jhaddmu.*

*Il-Kapitolu 13 jitkellem dwar il-pozizzjoni tal-manager li jitqieghed biex jiehu hsieb l-intrapriza jew parti mill-intrapriza tal-principal bis-sahha li jorbot lil principal fil-limiti tal-poteri afdati lilu. Bis-sahha tal-ligi manager ma jistax jagixxi f'ismu jew f'isem terzi minghajr il-kunsens espress tal-principal tieghu jew ikollu interess fi jew imexxi negozju tal-istess natura ta' dak li fih ikun impjegat jew afdat.*

*Dawn l-obbligi huma dawk necessarji biex bejn il-principal u l-manager ikun hemm rapport ta' fiducja, lealta u fedeltà.*

*...*

*Qua agent u mandatarju l-manager ghandu doveri li jagixxi bid-diligenza ta' bonus pater familias bir-responsabiltà implicita li din iggib maghha.*

*Illum bl-introduzzjoni tal-artikolu 1124(A) tal-Kap. 16 dwar obbligi fiducjarji, giet kristallizzata dak li l-Qrati taghna kienu jsostnu cioe illi certi kuntratti minn natura taghhom jimponu obbligi addizjonali ghal dawk kuntrattwali fosthom il-kuntratt ta` impjieg. L-artikolu 1124(A)(a) fil-fatt jasserixxi li hemm obbligi fiducjarji meta dawn jirrizultaw mill-istess ligi, minn kuntratt u fost affarijiet ohra msemmija, minn assunzjoni ta` kariga fejn fost elementi ohra persuna jkollha d-dmir li thares l-interessi ta` persuni ohra.*

*Kwindi, hu car illi fil-ligi Maltija, rapport kontrattwali jew/u anki f'assunzjoni ta' kariga (kif certament il-kaz odjern jiccentra) hemm obbligu fiducjarju fejn hemm id-doveri li wiehed ihares l-interess ta' haddiehor.*

*Hi l-fehma ta' din il-Qorti li dan l-artikolu ma hu xejn ghajr l-applikazzjoni generali tal-ligi illi fil-qadi tad-doveri tieghu, impjegat irid iqis l-interess tal-principal tieghu u jagixxi bid-diligenza kollha fil-qadi ta' dmiru u aktar ma hi gholja l-pozizzjoni jew il-kariga, aktar jassumi piz l-obbligu ta' fedelta, lealta, onesta u buona fede fil-konfront tal-principal u aktar hu ta' importanza li dak li ghandu kariga jagixxi bid-diligenza ta' bonus pater familias. Tradott f'termini semplici l-impjegat specjalment fil-karigi esekuttivi ma jridx jaghmel hsara, jew jagixxi b'detriment jew pregudizzju jew b'dannu ghall-interess tal-principal tieghu. Dawn id-doveri ghandhom jitqiesu b'zieda ma' kull kondizzjoni ohra kontrattwali fir-rapport ta' impjieg bejn il-principal u l-impjegat.*

*Huma in-natura tal-kariga, ir-responsabilitajiet u poteri afdati oltre kundizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta' impjieg li jiddeterminaw u jiddelineaw il-qies tal-fiducja riposta u mistennija u ghalhekk huma dawn il-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni meta jigi kunsidrat allegazzjoni ta' nuqqas ta' dover kemm esplicitu jew implicitu liema nuqqas igib mieghu il-konsegwenza ta' responsabilita ghal hsara li tkun allegatament giet kommessa a dannu tal-principal."*

Fil-fehma tal-Qorti, bħala manager mas-soċjetà attriċi, il-konvenut kellu dmir li jħares l-obbligi fiduċjarji li joħorġu mir-relazzjoni li kellu mal-istess attriċi, skont ma jipprovdi l-artikolu 1124A et seq tal-Kapitolu 16. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Diċembru 2013 fil-kawża Carmen Xuereb vs L-Avukat Anton Micallef intqal li:

*"... Fiducjarju ghandu l-obbligu li jzomm u jittratta taghrif li jircievi b'mod kunfidenzjali. Ghandu d-dmir ta' lealtà fl-amministrazzjoni. Ghandu d-dover li jhares l-interessi tal-persuna li tkun tatu l-inkariku. Ghandu jiehu hsieb b'onestà u b'kontabilità l-affarijiet ta' min ikun tah l-inkariku. Ghandu jezercita d-diligenza ta' bonus paterfamilias fit-twettieq ta' l-obbligazzjonijiet tieghu. M'ghandux ikollu konflitti ta' interess, ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta' min tah l-inkariku u m'ghandux jircievi profitt mhux awtorizzat."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha llum, din il-Qorti tqis illi l-attriċi bl-ebda mod ma rnexxielha turi li l-konvenuti b'x mod kiser xi obbligazzjoni fiduċjarja jew naqas fid-dover impliċtu ta' fedeltà u lealtà. Kif diġà ntqal, provi li l-konvenut żvela xi informazzjoni kunfidenzjali ma hemmx tant li x-xhud Alan Grima in kontro eżami qal ċar u tond li, '*Ma nistax ngħid jekk kienx hemm xi konsegwenza tul iż-żmien ta' xi informazzjoni sensittiva li seta' kellu Gordon*.' Altru milli l-konvenut kkawża xi danni minħabba f'hekk.

Ir-rappreżentanti tal-attriċi jilmentaw biss illi l-affarijiet ġraw fi żmien qasir, imma b'daqshekk ma jfissirx illi għax qabad u telaq, il-konvenut huwa passibbli għad-danni. Fuq kollox, kien Alan Grima stess li tlett ijiem wara li kkomunika d-deċiżjoni tiegħu l-konvenut, bagħatlu *e-mail* xotta xotta, '*Thanks for the updates, however kindly note that we will be taking care of these deals from now on.*' Kienu allura d-diriġenti tal-attriċi li riedu jagħlqu l-kapitolu tal-attur mill-aktar fis wara li qalilhom li kien ser jitlaq, kif kellu kull dritt illi jagħmel. Xejn ma kien hemm iżomm lill-konvenut milli jmur jaħdem fl-istess linja ta' negozju ma' kumpannija kompetitriċi tal-attriċi kif donnhom qed jippretendu r-rappreżentanti tal-attriċi.

Filwaqt li l-konvenut kien fl-obbligu li jfittex l-interess tal-attriċi, speċjament fil-kariga li kellu, ma jfissirx b'daqshekk li kellu obbligu għal dejjem li jibqa' jaħdem magħha u ma għandux ifittex li jtejjeb il-pożizzjoni lavorativa tiegħu bla ma jikkawża ħsara jew jonqos milli jeżerċita d-doveri tiegħu fil-kors tar-relazzjoni kuntrattwali tiegħu mal-attriċi sat-terminazzjoni u li wara t-terminazzjoni ma jużax l-informazzjoni kunfidenzjali li ġabar bi ħsara diretta għal prinċipal li tmur lil hinn mill-kompetizzjoni ġusta neċessarja fil-qasam tal-kummerċ. Atti preparatorji meħuda oġġettivament, fil-fehma tal-Qorti ma jitqiesux bħala tradiment tal-obbligi fiduċjarji assunti. Bl-istess mod, kif diġà ntqal, ma saret l-ebda prova li l-konvenut ma onorax l-obbligu ta' kunfidenzjalità dwar informazzjoni dwar il-kumpannija attriċi jew il-klijenti tagħha. Lanqas ma saret prova illi fil-kors tar-relazzjoni kuntrattwali tiegħu mal-attriċi l-konvenut beda attività għal rasu jew ma xi ditta oħra.

Kif qalet ukoll proprju din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ta' Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul suċitata:

> *"Kif inghad u jirrizulta mill-gurisprudenza estera kwotata, atti preparatorji sabiex impjegat jiftah ghal rasu anki f'kompetizzjoni mal-principal mhix fiha nfisha prova ta' nuqqas ta' obbligu ta' fedeltà."*

Meqjus dan kollu, il-kuntratt mal-konvenut u l-provi prodotti mis-socjetà attrici żgur li ma jwasslux lill-Qorti li tasal għall-konklużjoni li l-konvenut kiser xi kundizzjoni fiduċjarja imposta speċifikament fuqu fil-kuntratt ta' impjieg jew kiser obbligu impliċitu fiduċjarju ta' fedeltà, fiduċja, korretezza u buona fede naxxenti mill-kariga tiegħu. It-talbiet attriċi qegħdin għalhekk jiġu miċħuda.

Jibqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut. Kif diġà ntqal, jirriżulta mill-provi li nonostante dak li ppremettiet l-attriċi fir-rikors promotur, il-konvenut ma kienx impjegat magħha u allura ma huwa dovut xejn lilu in linea ta' pagi, *overtime*, *bonuses* et cetera. Fil-fatt, huwa ma ġab l-ebda prova kontrarja f'dan is-sens u allura din il-parti tat-tieni talba tiegħu qiegħda tiġi miċħuda.

Dwar is-somma dovuta lilu in linea ta' *commissions* li l-attriċi qatt ma ħallset, il-konvenut jgħid illi hija dovuta lilu s-somma komplessiva ta' €48,692.85. L-attriċi ma tikkontestax li hija dovuta lill-konvenut somma flus in linea ta' *commissions* li qatt ma tħallsu imma tgħid li s-somma fil-fatt tammonta għal €31,966.55. Il-konvenut ippreżenta dokument intestat '*Sales Information Sheet*' għal kull proprjetà li jgħid illi fuqha hija dovuta *commission* lilu u allura l-Qorti hija sodisfatta li hija dovuta lilu s-somma li qiegħed jirriklama. A tenur tal-artikolu 1141 tal-Kap. 16, l-imgħax għandu jiddekorru minn dakinhar li l-attriċi rċeviet il-*commission* globali fuq kull bejgħ.

Imiss issa li tiġi kkunsidrat t-talba tal-konvenut rikonvenzjonant għad-danni li jgħid illi ġew ikkawżati lilu minħabba l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat kontrih.

L-attriċi rikonvenzjonata wieġbet għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut billi eċċepiet li t-talba għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni hija irrita u nulla stante li l-konvenut rikonvenzjonant kellu jipproċedi skont l-artikolu 836 et seq tal-Kap. 12 malli sar jaf bil-mandat ta' sekwestru *de quo*. Il-Qorti tqis illi din hija kawża għad-danni skont l-artikolu 836(9) fejn il-proċedura tippermetti li ssir kawża *ad hoc*. Il-fatt illi l-konvenut għamel kontro talba minflok preżenta kawża mal-ewwel kif ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru ma jiswa xejn għaliex il-liġi ma tistabbilixxi l-ebda terminu entro liema għandha ssir din il-kawża għad-danni.

In linea ta' prinċipju ta' dritt, fil-każ ta' Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar 1992, ġiet itrattata il-kwistjoni ta' danni reklamati b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Intqali li:

*(i)* *huwa prinċipju fondamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor, in omaġġ għall-massima qui suo iure utitur, non videtur damnum facere, bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel;*

*(ii)* *tali dritt t'aċċess għall-Qorti taċ-ċittadin m'għandux jiġi abbużat;*

*(iii)* *il-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser li bilfors sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. 'Non è in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca'. Dan għaliex għalkemm il-liġi hija l-istess għal kulħadd, huwa veru wkoll li l-liġi hija soġġetta għal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpeta u jiddeċiedi dwarhom;*

*(iv)* *Tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjetà (Emanuele Calleja vs Carmelo Grima – XXXIX.i.24) - ġejja minn mala fede*

*jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża (Agius vs Dott. Carbone nomine fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite.'*

*(v) Dan l-aħħar prinċipju huwa bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjetà jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi*

*'Il diritto cessa dove comincia l'abbuso riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della società, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti'. Applikat dan il-prinċipju għaddritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi 'chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnità al suo avversario.'*

Il-Qrati tagħna minn dejjem għarfu li huwa dritt fundamentali ta' kull ċittadin li jadixxi lil dawn il-Qrati għal rimedju li huwa jippretendi li għandu, u li sa fejn ma jintweriex nuqqas ta' għaqal, malintiż jew intenzjoni li wieħed jivvessa lil ħaddieħor, dan id-dritt sagrosant għandu jiġi protett. F'deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-18 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Limited intqal hekk:

*"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali huwa li l-eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilità għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permissibbli mil-liġi. Huwa meta persuna taġixxi kapriċċożament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha."*

F'sentenza oħra fl-ismijiet Desmond Stanley Stewart vs Theresa Mangion Galea, deċiża fid-29 ta' Lulju 2005, din il-Qorti diversament presjeduta qalet li:

> "*Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant ieħor siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*"

F'dan ir-rigward, il-Qorti kkunsidrat li l-bażi legali tat-tieni talba rikonvenzjonali tal-konvenut huma l-artikoli 1030, 1031 u 1032 tal-Kap. 16 li jipprovdu li kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu, b'dan illi kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Finalment, jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, u wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li l-attriċi abbużat mill-proċess ġudizzjarju sabiex tivvessa lill-konvenut. Ħareġ ċar mill-provi li l-attriċi pproċediet kontra l-konvenut sempliċiment għaliex meta telaq il-konvenut minn magħha, il-fergħa ta' Ħ'Attard ma bdietx tagħmel flus u dak kollu li premettiet fir-rikors ġuramentat tagħha ma kien minnu xejn. Speċifikament fir-rigward tal-mandat kawtelatorju li għamlet kontra l-konvenut, jirriżulta li filwaqt illi l-attriċi kkawtelat s-somma ta' aktar minn €35,000, fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ġie stipulat li f'każ ta' ksur tal-obbligu tal-kunfidenzjalità, il-konvenut ikollu jħallas is-somma ta' €12,000 in linea ta' danni pre likwidati. Aktar minn hekk, kif rajna, l-attriċi qatt ma kkontestat illi għandha tħallas lill-konvenut eluf ta' Ewro f'*commissions*.

Il-konvenut rikonvenzjonant jispjega li flimkien ma martu kienu fuq konvenju għall-akkwist ta' apartament li xtaqu jixtru bħala investment imma meta l-bank, bħala sekwestratarju, ġie notifikat bl-atti tal-mandat, dan irtira s-*sanction letter* u allura rrifjuta li jiffinanzja l-bejgħ tal-imsemmija proprjetà. Il-konvenut jispjega li għalhekk kellu jċedi d-drittijiet tiegħu fuq il-

konvenju sabiex ma jitlifx id-depożitu mħallas lill-vendituri u li ftit taż-żmien wara sar jaf illi l-bejjiegħa biegħu dan l-istess apartament bi qligħ għalihom ta' €84,500.

Madanakollu, il-Qorti tqis li ma hemmx lok fil-prinċipju illi jigu likwidati danni ta' din ix-xorta għaliex il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut rikonvenzjonant dwar it-telf kollu li jgħid li sofra. Id-depożitu akkont tal-bejgħ il-konvenut ħadu lura meta ċeda d-drittijiet tiegħu fuq il-konvenju u dwar il-qligħ li jgħidu li għamlu l-bejjiegħa l-ġodda, kien il-konvenut stess illi xehed li l-apartament ma kinux ser jixtruħ biex jerġgħu jbiegħuh daqshekk malajr. Madanakollu huwa fatt maghruf li mandat dejjem jirreka xi forma ta' danni w inkonvenjent serju partikolarment fir-relazzjoni li persuna jkollha mal-bank taghha. Il-Qorti qeghda ghalhekk tiffissa "*arbitrio boni viri*" is-somma ta' hamest elef Ewro (€5000).

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet attriċi.

Riferibbilment għat-talbiet rikonvenzjonali:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 761/15 ġie intavolat b'mod vessatorju u mingħajr raġuni valida skont il-liġi. Il-Qorti tillikwida d-danni fl-ammont ta' €5000 (hamest elef Ewro).

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tal-konvenut rikonvenzjonant fis-somma ta' tmienja u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u disgħin Ewro u ħamsa u tmenin centezmu (€48,692.85) in linea ta' *commissions* dovuti lilu, iżda tiċħad il-bqija tat-talba. L-imgħax fuq kull *commission* għandu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-attriċi rċeviet il-*commission* globali fuq kull bejgħ.

Ghalhekk is-socjetà Dhalia Real Estate Limited qeghda tigi kundannata thallas lil Gordon Attard l-ammont komplessiv ta' €53,692.85 (tlieta u hamsin elf, sitt mija u tnejn u disghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu), bl-imghax fuq kull commission dekoribbli kif intqal aktar 'il fuq.

L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro talba jithallsu minn Dhalia Real Estate Limited.

IMHALLEF

DEP/REG